# Kif sar l-Innu Malti

*Tagħrif minn* DUN KARM

KIENET, jekk niftakar sewwa, is-sena 1927, għodwa waħda ġie fuqi d-Direttur ta' l-Iskejjel Elementari tal-Gvern, Dr. A.V. Laferla LL.D., ħareġ mill-but karta bi ftit noti tal-mużika, qegħdili quddiemi: "Mons, hawn dil-biċċa mużika tal-Prof. R. Sammut (M.D.), tahieli hu ftit tal-ġranet ilu u talabni biex kieku ma' dan il-motiv li deherlu ħelu ħafna nara kif insib lil min isieħeb xi kliem bil-Malti li jkun jista' jitkanta mit-tfal ta' l-Iskejjel tal-Gvern." "Jiena", issokta jgħid, "ħadt il-karta minn idu u għedtlu li naqdiħ mill-aħjar li nista'". "Fl-istess ħin", kompla jgħidli, "ħsiebi ġera fuqek, u għidt: 'Din il-biċċa ħadd ma jista' jaqdini aktar minn Dun Karm'; u issa, arani hawn biex infissirlek ix-xewqa tiegħi."

Lil Dr. Laferla jiena ma xtaqtx ingħidlu "le", u weġibtu: "Nara daqsxejn ix-xejra tal-mużika, u kif jidhirli l-aħjar li nagħmel".

Kif dħalt fl-appartament tiegħi fi Triq l-Ifran, il-Belt, mort fuq il-pjanu, daqqejt mill-aħjar li stajt dak il-mottiv, li għad ma kellux akkumpanjament, fittixt inlaqqa' mar-ritmu tal-mużika r-ritmu tal-vers Malti. Rajt li ebda vers ma kien qed jaqbel, jew għall-anqas jersaq ma' dak il-mottiv, ħlief il-vers tal-ħdax ('endekasillabu') u billi l-motiv kien qasir, ma kenux jidħlu, fil-medda tiegħu kollha, ħlief tlieta minn dawn il-versi. U jiena għidt: Bi tliet versi x'nista' nagħmel?! Imma ħsibt ftit u għaddiet bħal berqa minn moħħi l-lemħa ta' l-Innu Nazzjonali, fis-sura ta' talba 'l Alla għal Malta.

Għarrixt fiż-żmien li fih konna ninsabu u billi dik il-ħabta kien hawn ftit ta' antagoniżmu pulitku jiena fittixt li nressaq u ngħaqqad lil kulħadd f'rabta ta' mħabba reliġjuża u patrijottika. Tennejt il-motiv u ħarġu dawk is-sitt versi li l-lum bosta mill-Maltin fil-Gżejjer tagħna u barra jafu bl-amment.

Dr. Laferla tgħaxxaq bil-ħsieb ta' l-Innu Malti, u bil-versi li jiena sawwartlu u t-tagħlim tal-versi fuq il-mużika lit-tfal ta' l-Iskejjel tal-Belt hu beda b'ħeġġa kbira, u fil-festa tat-8 ta' Settembru, 1928, instema' l-ewwel darba wara t-taħdita fuq l-Assedju l-Kbir u r-rebħa tal-Maltin li ssir f'dik il-ġurnata.

Għal xi snin dak l-Innu baqa' jinstema' biss mit-tfal ta' l-Iskejjel fil-festa tar-rebħa. Imma darba fettilli nidħol fil-

Każin King's Own, tal-Belt, sibt lis-Sur Vincent Ciappara, is-Surmast tal-Banda "King's Own" u għedtlu: "Surmast, inti taf li hemm dak id-daqsxejn ta' Innu Malti li jkantaw it-tfal ta' l-Iskejjel fit-8 ta' Settembru, erba' noti ħelwin tassew tal-Prof. Robert Sammut M.D. Issa kieku inti tistrumentah għall-banda biex ikun jista' jindaqq fil-Pjazza għal xi okkażjoni bħal din ma tkunx ħaġa sabieħa?

Il-ħsieb għoġbu lis-Surmast...; wegħedni li jagħmel hekk, u hekk sar. Fis-sena 1936, l-Innu ndaqq l-ewwel darba mill-Banda "King's Own" fil-Festa Nazzjonali tat-8 ta' Settembru. Warajha daqqitu l-Banda San Mikiel, ta' Ħaż-Żabbar, fil-festa tal-Madonna tal-Grazzja. Imbagħad il-Banda tal-1st K.O.M.R., il-Baned Militari u baned oħra, u bil-ftit il-ftit l-Innu ħa xejra popolari ġmielha.

Fil-1938, Miss May Butcher għamlet ta' dan l-Innu traduzzjoni tajba ħafna bl-Ingliż li dehret flimkien ma' l-oriġinal Malti, l-ewwel fit-"Times of Malta", imbagħad fl-edizzjoni sabieħa ta' l-Innu pubblikata f'Lixandra, ta' l-Eġittu, mill-Għaqda Maltija ta' hemmhekk li qiegħda tħabrek kemm tiflaħ għat-tixrid tal-qari Malti.

Dan l-aħħar il-Gvern iddikjarah uffiċjalment bħala l-"Innu Malti", bid-dmir li kull banda ġo Malta li ddoqq programm fil-pubbliku għandha ddoqq ma' l-Innu "God Save", l-Innu Malti.

Din hija l-istorja ta' l-Innu Malti.